# ID-DAWL

JANNAR 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 13

**"Aħna għamilniekom ġnus u tribujiet biex issiru tafu lil xulxin."**




Bidu tas-Sena | Il-Maestà ta' Alla | Is-Solidarjetà | L-Iskjavitù

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# BIDU TAS-SENA BIT-TALB

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Aħna issa fis-sena l-ġdida 2019. Xi nies jiċċelebraw lejlet is-sena l-ġdida fi pjaċiri materjalistiċi, u b'hekk itemmu s-sena ta' qabel u jibdew is-sena l-ġdida b'attivitajiet differenti.

Naħseb li jkun ħafna aħjar jekk nibdew sena ġdida bit-talb. Għax bit-talb biss nistgħu nagħmlu s-sena l-ġdida mill-aqwa. It-talb jifforma parti integrali minn kull reliġjon u jista' jieħu għamliet differenti u jiġi offrut ukoll f'modi differenti. Fl-Iżlam, it-talb għandu wkoll parti ċentrali u fundamentali għaliex jipprovdi opportunità lill-bniedem biex jiżviluppa relazzjoni personali mal-Ħallieq tiegħu. Din ir-relazzjoni sseħħ f'kuntest ta' umiltà, fejn il-bniedem, mistagħġeb bil-kwalitajiet perfetti u bla limiti ta' Alla, isib ruħu quddiem id-Divin, jitlob għall-maħfra, l-għajnuna u l-barkiet Tiegħu.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li wieħed ikun l-aktar qrib ta' Alla meta jkun fl-art u għalhekk għandu jitlob b'ċertu entużjażmu.

Ejjew nibdew is-sena l-ġdida bit-talb u s-supplikazzjonijiet. Ejjew nitolbu lil Alla biex din is-sena tkun sena ta' suċċess, paċi u barka għall-umanità kollha.


**ID-DAWL**

Jannar 2019 – Numru 13 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

**Il-Qoxra:** Jacob_09 | Shutterstock

# IL-MAESTÀ TA' ALLA

Il-Koran Imqaddes jgħid:

> "F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin. Dak kollu li jinsab fis-smewwiet u fl-art jigglorifika 'l Alla; u Huwa s-Setgħani, l-Għaqli.
>
> Tiegħu hija s-saltna tas-smewwiet u l-art; Huwa jagħti l-ħajja u jikkaġuna l-mewt; u Hu għandu s-setgħa fuq kollox.
>
> Huwa l-Ewwel u l-Aħħar, u Dak li jidher u Dak li ma jidhirx u Huwa jaf sewwa fuq kollox." (57:1-4)

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> "Hemm żewġ espressjonijiet li Dak Kollu Ħniena jħobb wisq. Huma ħfief għall-ilsien u tqal fil-miżien (għaliex huma ta' siwi kbir). Dawn huma: Sebħ lil Alla bit-tifħir tiegħu, u Sebħ lil Alla l-Kbir bla qies!" (Bukhari)
>
> "Dak li jiftakar fil-Mulej Sidu u dak li ma jiftakarx fih, huma bħall-ħaj u l-mejjet. Id-dar li fiha jitfakkar Alla u d-dar li fiha Alla ma jitfakkarx, huma bħall-ħaj u l-mejjet." (Bukhari)

Il-Qaddis Profeta, is-sliem għalih, qal li Alla l-Qawwi u l-Għoli jgħid:

> "Jiena nġib ruħi mal-qaddej tiegħi skont dak li jifhem dwari u dak li jistenna minni, u Jiena nkun miegħu kull fejn jiftakarni." Alla jifraħ aktar bl-indiema tal-qaddej tiegħu milli jifraħ xi ħadd minnkom li kieku kellu jitlef il-ġemel tiegħu fid-deżert, imbagħad isibu. Alla jgħid: "Min joqrob lejja b'xiber, noqrob lejh b'tul ta' driegħ, u min joqrob lejja b'tul ta' driegħ, noqrob lejh b'tul ta' qama. U jekk jiġi lejja bil-mixi, arani nersaq lejh mgħaġġel." (Muslim)

# L-ISKJAVITÙ

Id-dinjità umana hija prinċipju bażiku u fundamentali għal soċjetà soda, attiva u progressiva. L-Iżlam jemmen bis-sħiħ fid-dinjità umana, fl-imħabba u l-ħniena; u jiskoraġġixxi l-iskjavitù. L-Iżlam huwa dak it-twemmin li jiggarantixxi d-dritt ta' kull individwu li jgħix fil-libertà u l-ħelsien. L-Iżlam huwa dik ir-reliġjon li ggarantiet id-dritt ta' kull individwu li jgħix fil-paċi u fl-armonija, tkun xi tkun il-fidi jew l-isfond ta' ħajja tiegħu.

***"Ja nies, Aħna tabilħaqq ħlaqniekom minn raġel u mara, u għamilniekom ġnus u tribujiet biex issiru tafu lil xulxin. Tabilħaqq li l-aktar wieħed imweġġaħ minnkom quddiem Alla huwa l-aktar wieħed ġust minnkom, u jibża' minn Alla."***
(Il-Koran Imqaddes, 49:14)

F'Kapitlu 8, vers 68, Alla jgħid li mhux sewwa li jinżammu priġunieri jekk ma jkunx hemm stat ta' gwerra l-għaliex jekk jiġri hekk mela dan ikun qed isir biss minħabba l-ġid u l-poter u mhux għall-imħabba ta' Alla. Għaldaqstant, dan juri biċ-ċar li fi żmien ta' paċi mhuwiex aċċettabbli li jinżammu nies priġunieri.

L-Iżlam ta rispett kbir lill-ilsiera u fetaħ il-bibien sabiex wieħed ikun jista' jikseb il-ħelsien u biex jipproteġi l-libertà ladarba din tintlaħaq. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, mill-bidu nett enfasizza li l-ilsiera jiġu ttrattati bl-imħabba u l-ħniena, u biex jiġu mogħtija l-ħelsien. L-Iżlam jgħid li meta xi ħadd jagħti l-libertà lil xi skjav dan huwa għemil għani.

Il-Koran Imqaddes jgħid:

> "U wrejnieh iż-żewġ triqat (*dik it-tajba u l-oħra l-ħażina*). Aħjar għalih kieku tela' l-iebsa (*tal-għemejjel tajba*). U x'inhu li jgħarrfek x'inhi t-telgħa l-iebsa? (Hija) il-ħelsien ta' lsir ..." (90:11-14)

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien dejjem ħerqan dwar il-kondizzjoni tal-iskjavi, u kien jgħid:

> "L-ilsiera huma ħutkom. Jekk xi ħadd minnkom għandu xi lsir, allura għandu jagħtih l-istess l-ikel li jiekol hu, u l-istess libsa li jilbes hu. Tagħtuhomx ix-xogħol l-iebes, u għandkom dejjem tgħinuhom f'xogħolhom."

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien jgħid li: "Alla se jaħfer u jsalva mill-infern lil dak il-Musulman li jagħti l-ħelsien u l-libertà lil skjav." U l-aħħar kliem ta' ħajtu kien li l-Musulmani għandhom dejjem iqimu lil Alla, isegwu t-tagħlim ta' Alla u jittrattaw lill-ilsiera bi ħniena u mħabba.

---

***Fl-aħħar prietka mogħtija mill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, huwa ta struzzjonijiet lill-Musulmani kollha biex jiftakru li Għarbi mhuwiex superjuri għal min mhux Għarbi bħalma min mhux Għarbi mhuwiex superjuri għall-Għarbi. Huwa għallem li l-abjad mhuwiex superjuri għall-iswed bħalma l-iswed mhux superjuri għall-abjad. Għalhekk, l-Iżlam jgħallem b'mod ċar li persuni minn nazzjonijiet jew razez differenti huma ugwali. Huwa ċar ukoll li l-persuni kollha għandhom jingħataw drittijiet ugwali mingħajr ebda diskriminazzjoni jew preġudizzju.***

---

# IS-SOLIDARJETÀ

## Donazzjoni għall-Istrina 2018



L-Imam Laiq Ahmed Atif, il-President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta, jippreżenta d-donazzjoni fl-Istrina 2018.

Il-Komunità Ahmadiyya tgħin lil dawk fil-bżonn irrispettivament mit-twemmin, in-nazzjonalità u l-ideat politiċi.

## Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Ewwel tas-Sena f'San Blas (Caritas Malta)

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ċċelebrat l-Ewwel tas-Sena mal-Komunità Terapewtika ta' San Blas (Caritas Malta) u organizzat l-ikla tal-Ewwel tas-Sena għar-residenti u l-membri tal-istaff. L-għan tal-ikla kien biex tinħoloq atmosfera ta' rispett, kuntentizza, imħabba u attenzjoni lil dawk in-nies li għaddejjin minn żminijiet diffiċli f'ħajjithom.



Is-Sur Anthony Gatt, id-Direttur ta' Caritas Malta, qal: "Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għal dan il-ġest. Ir-residenti maskili għenu billi servew l-ikel f'Jum il-Milied lil dawk in-nies li jgħixu fis-solitudni u li m'għandhomx saqaf fuq rashom, u għalhekk huwa ġest tassew ġeneruż li l-Komunità Ahmadiyya qed tipprovdi din l-ikla għalihom u din id-darba huma qed jirċievu s-servizz."



Ir-residenti wkoll esprimew il-gratitudni tagħhom u rringrazzjaw lill-Komunità Ahmadiyya Musulmana għal dan l-att ġeneruż. Huma stqarrew ukoll li apprezzaw ħafna li, f'dan iż-żmien ta' festi, minflok li qagħdu mal-familji tagħhom, il-membri tal-Komunità Ahmadiyya ġew biex iqattgħu l-ħin magħhom f'San Blas.

L-Imam Laiq Ahmed Atif, il-President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta, qal li huma ġew biex jiċċelebraw l-Ewwel tas-Sena mar-residenti ta' San Blas biex iwasslu messaġġ li kull persuna għandha valur u biex juru kemm huwa importanti li wieħed jgħin u jissapportja lil dawk li jkunu għaddejjin minn żminijiet ibsin ħalli jkunu jifilħu jegħlbu d-diffikultajiet tagħhom.

L-Imam Atif stqarr li huma ma jistennew xejn għal dan il-ġest, lanqas grazzi, għaliex il-Koran Imqaddes jgħid: **"Il-poplu twajjeb jitma', għall-imħabba ta' Alla, il-fqir, l-orfni u l-ilsir; u jgħid, 'Aħna nitimgħukom biex nogħġbu lil Alla biss. Ma nixtiequ l-ebda premju jew ringrazzjament mingħandkom."** (76:9-10)

Huwa kompla: "Madanakollu, jekk tegħlbu l-problemi tagħkom b'determinazzjoni u titbiegħdu minn kull vizzju, dak ikun għalina premju u ringrazzjament kbir."

# GĦOTJA TA' RIGALI




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta ppreżentat 60 ħamper bħala rigal lill-Caritas Malta. Dan sar bil-għan li l-ħampers jitqassmu lin-nies u lill-familji li qed jibbenefikaw mis-servizzi offruti minn Caritas Malta.

Il-ħampers ippreżentahom il-President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, l-Imam Laiq Ahmed Atif, lis-Sinjur Anthony Gatt, id-Direttur ta' Caritas Malta.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li:

> **"L-aħjar l-karità hi li tagħti l-karità meta tkun b'saħħtek, meta tkun tibża' mill-faqar u tkun tixtieq l-għana"; "Min jonfoq xi nefqa għal Alla, jinkitiblu *(ħlas ta')* seba' mitt darba aktar."**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**